MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Numru 468/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA’**

**VS**

**DAVID ANDREW CAMILLERI**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra David Andrew Camilleri ta’ 30 sena, imwieled il-Kanada nhar id-19 ta’ Lulju, 1974, bin Anthony Paul u Mary Doris nee’ Cauchi, residenti fil-fond Colborne, Triq Anton Falzon, Luqa, detentur tal-karta tal-identita’ numru 408396 (M) ;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-11 ta’ Mejju, 2005 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, fil-hanut Zoids, fi Triq il-Gdida, Luqa,

xjentement qieghad fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' 413 *optical diskettes* konsistenti d'DVDs u *Playstation software;*

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li l-Qorti tat zmien lill-imputat skond il-Ligi;

Rat l-Artikoli 298 (e) (f) u 298B tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' Lm250.00.

Tordna li l-oggetti esebiti jigu distrutti taht l-awtorita' tal-ufficjali tal-pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------